Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,272, 3 ta' Mejju, 1996
Taqsima B

A.L. 81 ta' l-1996

ATT TA' L-1996 DWAR SELF LOKALI (ATT NRU. XII TA' L-1996)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm1,500,000 addizzjonali 6.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2001 (IT-TIELET ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1996 dwar Self Lokali u bl-artikolu 4(1)(a), ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, minħabba li kien hemm applikazzjonijiet iktar milli kien hemm *Stock*, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ addizzjonali ta' Lm1,500,000 6.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2001 (III) ma' s-Lm7,500,000 6.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2001 (III) maħruġin permezz ta' l-Avviż Legali Nru. 57 ta' l-1996 ippubblikat fl-4 ta' April, 1996, bl-istess kundizzjonijiet, sabiex b'hekk l-ammont totali ta' 6.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2001 (III) ikun ta' Lm9,000,000. L-applikazzjonijiet kollha li waslu sad-data ta' l-għeluq 27 ta' April, 1996 ser jiġu milqugħa.